MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 628/2009

**Pierina Zammit ghad-ditta**
**Medimports K.I. Nru 837348(M)**

**vs**

**Claire Satariano**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Awissu 2009, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef mija u hmistax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu (€3115.48) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef mija u hmistax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu (€3115.48), bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------